# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 235/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Brenda Micallef**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Brenda Micallef**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 90897(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Marzu 2020 għal ħabta ta' 16:47hrs, fit-28 ta' Marzu 2020 u fil-5 ta' April 2020 għal ħabta ta' 17:38hrs ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. permezz ta' xi *network* jew apparat ieħor ta' komunikazzjoni elettronika, għamlet użu ieħor mhux xieraq bih;

2. ġabet ruħha b'tali mod li tat fastidju lil Simon Chetcuti u b'mod li kienet taf jew missha kienet taf li dak li għamlet kien ta' fastidju għal Simon Chetcuti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Simon Chetcuti skont Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Ottubru 2020, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputata mill-ewwel (1) imputazzjoni stante li wara Att XI tal-2018 l-aġir tal-imputata ma jammontax għal reat kif ipotizzat f'Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat Artikoli 251A(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputata ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u flok piena rabtitha b'obbligazzjoni personali sabiex iżżomm il-paċi ma' Simon Chetcuti u dan skont il-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet anness mas-sentenza appellata.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fis-16 ta' Novembru 2020 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"**tirriforma** s-sentenza msemmija mogħtija 29 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brenda Micallef** u titlob lil dina l-Onorabbli Qorti **tikkonfermaha** fejn il-Qorti sabet l-imputata mhux ħatja u **tħassaraha** u **tirrevokaha** fejn il-Qorti sabet l-akkużata ħatja tal-imputazzjoni kif indikat fis-sentenza u minnha **tilliberaha** skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-partijiet kienu f'relazzjoni li minnha twieldet tifla. Huma ma baqgħux f'din ir-relazzjoni. Fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti tisħaq li l-*parte civile* Simon Chetcuti qed jaħrab mir-responsabilitajiet tiegħu bħala missier speċjalment mill-aspett materjali u fl-istess waqt irid iżomm ferm id-drittijiet tiegħu.

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa li l-imputazzjonijiet mressqin fil-konfront tagħha m'humiex vera u li dak li seħħ huwa dak li jiġri f'saħna ta' argument bejn tnejn miżżewġin jew li jinsabu f'relazzjoni. Tgħid li l-*parte civile* ħassu ffastidjat iżda din l-asserzjoni ma taqbilx ma' dak li filfatt seħħ u li huwa ma jridx jerfa' r-responsabilita' tiegħu għax qed jagħmel minn kollox biex ma jħallasx il-manteniment dovut u dan meta lanqas jinterassah mit-tifla. Tisħaq li l-kelma *"pulċinell"* intużat wara li ndaħlet fin-nofs is-sieħba ta' Chetcuti u allura l-kelma qed turi li ma kienx vera indipendenti fil-ħsieb u f'dak li jagħmel.

Illi mill-provi li nstemgħu jirriżulta li Simon Chetcuti (*a fol.* 29 *et seq.*) xehed li l-appellanti kienet telqitu madwar tliet snin qabel u li mbagħad baqgħet tibgħatlu messaġġi, tgħajjir u theddid u xi tliet ġimgħat qabel sa kien reġa' rnexxielha ġġib in-numru tat-telefon tiegħu. Chetcuti kien ppreżenta xi dokumenti li ġew estratti mill-*mobile* tiegħu u oġġezzjona għal kliem bħal *"purċinell"* u *"minus"*. Jgħid li huwa kellu jbiddel in-numru tat-telefon waqt li xehed li dan kollu sar fid-dati ndikati fiċ-ċitazzjoni. Jisħaq li huwa kien dejjem jibblokkja n-numri tagħha. In <u>kontro-eżami</u> Chetcuti qal li ma kienx jara lit-tifla għaliex ma kinitx tagħtihielu waqt li qal li hu kien iħallas manteniment u jgħid li waqaf iħallas għax ma kinitx qed turih it-tifla. Jgħid li kien irċieva messaġġ biex jagħtiha l-flus iżda hu ma kienx tahomlha. Jaqbel li kienet is-sieħba tiegħu li

rrispondiet messaġġ minnhom u jikkonferma li kien intalab ammont ta' flus minħabba d-dras ta' bintu li mbagħad it-tifla qalgħethom waħidha.

Illi *da parte* tagħha l-appellanti (*a fol.* 37 *et seq*.) xehdet li meta bagħtet il-messaġġi kellha t-tifla bid-deni. Tgħid li ma kinitx qed taħdem u ma kellhiex flus biex isiru l-medikamenti tat-tifla u li meta bagħtet il-messaġġi ma felħitx tara lit-tifla muġugħa. Tgħid li l-*parte civile* ma kienx jara lit-tifla u ried jaħrab minn kull rwol u li hi kienet tagħtihielu allovalja ma kienx jagħtiha manteniment. Tixhed li meta ġabet in-numru tal-*parte civile* kien wara sena li ma kellha ebda kuntatt miegħu. Tisħaq li sakemm kienet qed tixhed kien għadu ma tahiex manteniment u li bintha kuljum kienet tistaqsiha fuq missierha. Tispjega li kienet talbet seba' mitt Euro (€700) għaliex hi riedet taqsam l-ispejjeż u li użat il-kelma *"minus"* għaliex ma jistax ikun li hu jitfa' ritratti mat-tfal ta' ħaddieħor imma ma jsibx ħin ma' bintu. Tgħid li hi qatt ma kellha intenzjoni li tiffastidja lill-*parte civile* imma ma riditx tara lil bintha muġugħa. Fil-kontro-eżami qalet li kienet kellmet lill-konsulent legali tagħha dwar il-manteniment u hu qalilha li ser jitkellmu fil-Qorti. Tgħid li l-*parte civile* Chetcuti kien ibblokkjaha u allura ma setgħetx tgħidlu li kienu nqalgħu d-dras fl-iSptar Mater Dei. Tixhed li lill-avukat tagħha kienet qaltlu imma kien jgħidilha li l-pandemija tal-Covid-19 qalgħet ċerti problemi. Tgħid ukoll li hija waqfet meta l-Pulizija qalulha biex ma tibgħatx messaġġi.

**Ikkunsidrat**

Illi dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tikkunsidra jekk l-appellanti setgħetx tinstab ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u dana peress li l-Ewwel Qorti illiberata mill-ewwel (1) imputazzjoni. Din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Micallef** (Numru 511/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-Qorti temmen illi kull ma ried jagħmel l-appellant, *qua* amministratur, kien illi jkollu prova ta' l-

> aġir ta' Maria Manicolo u mhux biex jagħtiha fastidju. Ċertament l-imġiba tiegħu, fid-dawl ta' l-aġir ta' l-istess Maria Manicolo, kellha titqies raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ."

Illi f'din is-sentenza appena ċitata l-Qorti rat li l-amministratur ried ikollu prova ta' fejn kien qed jitħalla l-iskart u ħa xi ritratti u mbagħad ikkonkludiet li b'daqshekk ma kienx qed jagħti fastidju.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis** (Numru 97/2009) mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2009 din il-Qorti diversament preseduta saħqet is-segwenti:

> "Kull tip ta' dan l-aġir pero' hu kalkolat li joħloq ċerta biża' f'dak li jkun b'mod li joħloq sensazzjoni li qed tiġi segwit u impoġġi taħt ċerta pressjoni inġusta. Hu proprju dan li din il-liġi l-ġdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez"** [21.6.2007]; **"Il-Pulizija vs. Fabio Psaila"** [12.2.2009] u oħrajn).
>
> Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini"** [26.2.2009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz *"Harassment"*) ġie definit mill-Black's Law Dictionary – (7th. edit.) bħala:-
>
> *"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*,
>
> Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat *"in isolation"* b'riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli.

> Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07]:-
>
> "…<u>f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' żmien</u>."" [emfażi ta' din il-Qorti]

Illi fid-dizzjunarju tiegħu l-Professur Ġużé Aquilina jispjega l-kelma fastidju bħala *"annoyance, worry"* u jkompli jżid l-eżempji bil-frażi *"jagħti fastidju lix-xemx għaddejja"* li jittraduċi hekk: *"he is a pain in the neck (said of a trouble maker)."*

Illi din il-Qorti eżaminat il-kliem li ntuża fil-messaġġi bħal dak li jidher *a fol.* 6 fejn hemm miktub hekk: *"Taparsi jinteressak mit-tifla? Umbat qas iċempilla jien mhux lit tjfla jew lili li nrabija waħdi ma nejt miskina imma lilek li tasal tikber Simb u taddi min ħdejk isha ma tafekx. Tbusli l bajd lili għax tifla djm ħadt hsieba mur għamel rapport ieħor...għax jina kulħadt jaf km nieħu ħsieba l simb !!!!!!! Ajnejk fsormna."* Din il-Qorti ma jirriżultalhiex li dan hu kliem ta' fastidju.

Illi din il-Qorti lanqas ma tara li hemm xi fastidju meta l-appellanti tuża l-kelma *"purċinell"* (*a fol.* 7) meta tiġbed l-attenzjoni tal-*parte civile* għaliex jitfa' ritratt ta' quddiem mat-tfal ta' nies u mhux ma' uliedu. Ma jidhirx li l-kelma "*pulċinell*" hija xi terminu ta' fastidju. Lanqas ma hemm fastidju fit-talba għall-flus. F'dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti, bħal ma ngħad fis-sentenzi hawn fuq ikkwotati, qed teżamina f'liema kuntest intqalu ċertu kliem b'dan illi tinnota li jekk l-omm mhijiex taħdem u t-tifla trid kura immedjata ma hemmx fastidju għax qed titlob il-flus.

Illi lanqas ma hemm xi fastidju għax tgħid lill-eks sieħeb tagħha hekk (*a fol.* 8): *"Trid tkun daqsxejn iżjed minus mil moħħ biex titfa' ritratt ma' tfal tan nies imma mhux ma' uliedek. [...] u Simb, bintek li qas taf hijiex ħajja jew mejta qaltllek hello."*

Illi dak li deher fil-messaġġi m'huwiex kliem ta' fastidju iżda espressjoni ta' persuna li qed titlob għajnuna finanzjarja sabiex ma tarax aktar lil bintha tbati mid-dras li eventwalment inqalgħu bla ma kellu jsir il-ħlas.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti jirriżultalha li l-appellanti ma kellhiex tinstab ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha u għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-appellanti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellanti Brenda Micallef u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ma sabithiex ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni, tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti nstabet ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u fejn ġiet marbuta b'obbligazzjoni personali li żżomm il-paċi ma' Simon Chetcuti u b'hekk tilliberaha minn kull ħtija, piena u obbligazzjoni li huma marbuta mat-tieni (2) imputazzjoni.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**